## Qorti tal-Maġistrati (Malta)
## Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D (Melit.) M.A. (Fin. Serv.)

Illum, 26 ta' Mejju 2024

**IR-REPUBBLIKA TA' MALTA**

**vs**

**ALAA MAHMOUD ALI ELGAMA**
**(Passaport Eġizjan Nru. A32479902)**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-akkużat **Alaa Mahmoud Ali Elgamal** ta' ħamsa u tletin (35) sena, iben Mahmoud u Al Sajida nee Mansur, imwieled El Behera l-Eġittu nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija tmeinja u tmenin (1988), mingħajr residenza fissa u detentur tal-passaport Eġizjan A32479902 u, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, akkużat talli nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) għal ħabta ta' bejn l-erbgħa (16:00hrs) ta' wara nofsinhar u s-sitta (18:00) ta' waranofsinhar ġewwa St. Joseph Court Triq it-Turisti, San Pawl il-Baħar u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

1. Talli mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Hosam Soliman f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tal-istess Hosam Soliman bl-użu b'arma regulari, inkella bi strument li jaqta' jew iniggeż ċioe' ferita ta' natura gravi kif iċċertifikat minn Dr. John Bondin (Med Reg. Nru. 4186);

2. Talli fl-istess żmien, ħin, lok u ċirkostanzi kellu fil-pussess tiegħu ġarr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma jkollu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija;

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Hosan Somliman billi jekk jidhrilha li huwa xieraq u neċessarju u taħt dawk il-kundizzjonijiet kollha li tqis xierqa u opportuni, toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali;

F'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, il-Qorti kienet ġentilment mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjoni tal-artikolu 15A tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

F'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, il-Qorti kienet ġentilment mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

F'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, il-Qorti kienet ġentilment mitluba sabiex tapplika l-Artikoli 382, 383, 384, u 385 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurtà tal-partijiet leżi;

Rat li fis-seduta tal-lum stess l-akkużat rreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha dedotta kontra tiegħu u fid-dawl ta' din l-ammissjoni il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u ngħata żmien xieraq sabiex, jekk trid, terġa' lura minnha.

Rat id-dokumenti kollha;

Semgħet lill-akkużat jikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża rigwardanti l-piena;

Ikkunsidrat:-

Illi jirriżulta li dakinhar tal-24 ta' Mejju 2024, ċerta Issa Kandil, Mahmoud Hassan irrapporta mal-pulizija li fil-komun tal-appartamenti bl-isem ta' "St. Joseph Court", Triq it-Turisti, San Pawl il-Baħar kien qed iseħħ argument. PC1121 Matthew Muscat u PC481 Nathan Frendo marru fuq il-post u hemmhekk sabu lil ċerta Soliman Hosam mitfugħ ma' l-art u jdejħ kienet kollha dmija. Il-Pulizija ċemplu għall-ambulanza u Hosam ittieħed l-isptar Mater Dei. Meta mitkellem mill-Pulizija, Hosam qal li kellu argument mal-akkużat peress li l-akkużat daħal fl-appartament tiegħu xi ftit tal-jiem ilu u ma riedx joħroġ minnu.

L-akkużat laħaq ħarab minn fuq il-post iżda ftit tal-ħin wara reġa' mar quddiem dan l-appartament. Il-Pulizija ġew mgħarrfa u marru fuq il-post u arrestaw lill-akkużat. Sadanittant, irriżulta wkoll li l-akkużat kellu maqtugħ biljett biex nhar it-28 ta' Mejju 2024 imur Sqallija u jitlaq minn Malta.

Illi fl-istqarrija tiegħu, l-akkużat ammetta li kellu argument mal-vittma iżda qal li dan aggredieħ u hu ried jiddefendi ruħu minnu. Ċaħad li ried iweġġgħu iżda qal li ried

Ikkonsidrat;

Illi l-akkużat ammetta l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tagħha, il-Qorti m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti tqis li din hija l-ewwel darba li l-akkużat xellef difrejħ mal-liġi hawn Malta u li dan kien inċident ta' darba. Huwa ammetta t-twettiq tiegħu ta' dan ir-reat mal-ewwel. Min-naħa l-oħra, kwalunkwe argument li persuna jista' jkollha ma ħaddieħor m'għandux jiġi indirizzat bi vjolenza, iżda b'diskussjoni matura. Anke jekk stess l-akkużat tassew safa' aggredit, ma jfissirx li huwa kellu jikkawża l-ġrieħi li kkawża lill-vittma iżda, *se mai*, kellu jirrapporta lill-pulizija biex jittieħdu dawk il-passi opportuni legali.

Illi b'hekk, hija l-fehma tal-Qorti li l-piena m'għandhiex tkun waħda karċerarja effettiva iżda għandha sservi sabiex l-akkużat joqgħod aktar attent li ma jiksirx il-liġi fil-futur.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 214, 215, 217 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikoli 6 u 51(7) tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu, qed issib lil **Alaa Mahmoud Ali Elgamal <u>ħati</u>** tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u qed tikkundannah għal piena ta' sentejn (2) priġunerija li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed tiġi sospiża għall-perjodu ta' erba' (4) snin mil-lum kuf ukoll qed tikkundannaħ għal-multa ta' mija u għoxrin Ewro (€120).

In oltre, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 382A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tagħmel ordni ta' trażżin fil-konfront tal-akkużat a favur ta' Hosam Soliman għall-perjodu ta' sentejn (2) li għandu jibda jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza u dan bil-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet mogħti kontestwalment.

Illi ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem ir-responsabbilità tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Finalment, peress li ma ġew nominati ebda esperti f'dan il-każ, il-Qorti tqis li ma hemmx lok għall-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ft.Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**